



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 5.1.2012
KUMM(2011) 937 finali

2011/0463 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Komitat Konġunt bejn l-UE u l-Istati Uniti għall-Kooperazzjoni Doganali dwar ir-rikonossiment reċiproku tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat fl-Unjoni Ewropea u l-Programm tas-Sħubija bejn id-Dwana u l-Kummerċ fl-Istati Uniti kontra t-Terroriżmu

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- (1) Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat (OEA) kienet introdotta permezz ta' emenda għall-Kodiċi Doganali tal-Komunità tal-Unjoni Ewropea (ir-Regolament 648/2005 adottat f'April 2005). L-għan tal-programmi ta' sħubija kummerċjali bħall-AEO huwa biex jipprovdu faċilitazzjoni lill-kummerċjanti li juru sforzi ta' konformità biex jiżguraw il-parti tagħhom tal-katina ta' provvista internazzjonali.
- (2) Il-leġiżlazzjoni tal-OEA daħlet fis-seħħ f'Jannar 2008. Sa Ottubru 2011 kienu ġew iċċertifikati għas-sigurtà aktar minn 4300 kumpanija tal-UE .
- (3) Ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija fil-kummerċ isaħħaħ is-sigurtà tat-totalità tal-katina tal-provvista u jiffaċilita n-negozju. Dan il-Ftehim jikkonsolida fuq livell internazzjonali l-approċċ miftiehem fil-Qafas tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija (WCO) għall-Istandards għall-Iżgurar u l-Iffaċilitar tal-Kummerċ ('Il-Qafas SAFE'). Jindirizza wkoll it-tħassib tal-komunità tan-negozju sabiex tiġi evitata l-proliferazzjoni tar-rekwiżiti u sabiex jiġu standardizzati l-proċeduri tas-sigurtà fid-dwana.
- (4) Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam doganali huma bbażati fuq il-Ftehim dwar Kooperazzjoni Doganali u Għajnuna Reċiproka f'Affarijiet Doganali ('CMAA'), iffirmit fit-28 ta' Mejju 1997. Skont is-CMAA, l-awtoritajiet doganali rispettivi jimpenjaw ruħhom li jiżviluppaw il-kooperazzjoni doganali li tkopri kull kwistjoni marbuta mal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali.
- (5) Il-kooperazzjoni doganali taħt is-CMAA ġiet estiża bil-Ftehim dwar l-intensifikar u twessigħ tas-CMAA biex jinkludi l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tal-kontejners u kwistjonijiet relatati, iffirmit fit-28 ta' April 2004. Żewġ gruppi ta' ħidma magħmulin minn esperti mbaġhad ġew iffurmati biex jiffukaw fuq it-tkattir tal-isforzi konġunti fl-istandards tas-sigurtà u tqabbil tal-programmi ta' sħubija fil-kummerċ, rispettivament.
- (6) Fl-2006, l-UE u l-Istati Uniti qablu li jevalwaw il-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija fil-kummerċ rispettivi tagħhom.
- (7) Fl-2007 tlesta tqabbil dettaljat taż-żewġ programmi ta' sħubiji fil-kummerċ tal-Istati Uniti u tal-UE, jiġifieri l-OEA tal-UE u l-Programmi tas-Sħubija bejn id-Dwana u l-Kummerċ kontra t-Terroriżmu (C-TPAT) tal-Istati Uniti. Ġie mniedi programm pilota li fih il-Protezzjoni tad-Dwana u l-Fruntieri (CBP) tal-Istati Uniti osservat komponenti ta' sigurtà tal-proċess tal-verifika tal-OEA tal-UE.
- (8) Wara tqabbil dettaljat tal-programmi ta' sħubija fil-kummerċ tal-UE u tal-Istati Uniti, f'Marzu 2008 ġie adottat Pjan Direzzjonali lejn ir-rikonoxximent reċiproku li stabilixxa l-istadji prinċipali bbażati fuq il-prestazzjoni meħtieġa sabiex jintlaħaq ir-rikonoxximent reċiproku. F'Jannar 2009, ġiet ippubblikata verżjoni mqassra tal-Pjan Direzzjonali.

- (9) Fil-25 ta' Ġunju 2010, id-DĠ tal-Kummissjoni għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali ('DG TAXUD') u s-CBP tal-Istati Uniti qablu dwar il-passi finali lejn l-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea, u stabbilixxew il-passi meħtieġa u l-iskeda għat-tlestija tar-rikonoxximent reċiproku.
- (10) F'Settembru 2010 ġie stabbilit Programm ta' ħidma li jkopri l-proċess ta' validazzjoni konġunta u l-iskambju tad-dejta, u dan ġie emendat f'Settembru 2011. Sal-4 ta' Novembru 2011 kienu tlestew total ta' sebgħa u għoxrin żjara ta' validazzjoni konġunta fl-UE u erba' żjarat ta' validazzjoni konġunta fl-Istati Uniti.
- (11) Ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija fil-kummerċ fl-UE u fl-Istati Uniti ġie enfasizzat bħala proġett ta' kooperazzjoni ewlieni mill-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku; fil-laqgħa tiegħu fid-29 ta' Novembru 2011, il-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku laqa' l-fatt li l-UE u l-Istati Uniti kkompletaw ix-xogħol ta' tħejjija dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija fil-kummerċ tagħhom.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- (1) L-Istati Membri ġew ikkonsultati fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Mhemmx bżonn ta' valutazzjoni tal-impatt sakemm id-Deċiżjoni tal-UE u l-Istati Uniti Il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali ("KKKD") jimplimenta is-CMAA u ma timmodifikax is-sostanza tagħha.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- (1) Il-Kunsill hu mitlub li jadotta pożizzjoni tal-Unjoni dwar abbozz ta' deċiżjoni tal-KKKD ibbażata fuq l-Artikolu 207(4) l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ('TFUE').
- (2) Il-bażi legali għall-abbozz tad-deċiżjoni tal-KKKD hi mniżżla fl-Artikolu 22 (2)(c) tas-CMAA.
- (3) Il-proposta taqa' taħt il-politika komuni tal-kummerċ, li hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

4. L-IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

- (1) Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni diretta fuq il-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Istati Uniti għall-Kooperazzjoni Doganali dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat fl-Unjoni Ewropea u l-Programm tas-Sħubija bejn id-Dwana u l-Kummerċ fl-Istati Uniti kontra t-Terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4) l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkonsulta mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kooperazzjoni doganali u l-għajjnuna reċiproka f'affarijiet doganali ('is-CMAA') jistieden lill-awtoritajiet doganali biex jiżviluppaw il-kooperazzjoni doganali bl-aktar għan wiesa' possibbli filwaqt li l-Artikolu 7 jfakkar l-impenn tal-Partijiet Kontraenti għall-iffaċilitar tal-kummerċ.
- (2) Ir-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija fil-kummerċ, jiġifieri Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea u s-Sħubija bejn id-Dwana u l-Kummerċ kontra t-Terroriżmu fl-Istati Uniti, isaħħaħ is-sigurtà u s-sikurezza tal-katina tal-forniment kif ukoll jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali.
- (3) Huwa għalhekk xieraq li jkun stabbilit rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija fil-kummerċ.
- (4) Ir-rikonoxximent reċiproku għandu jiġi stabbilit permez ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali ('KKKD'), li kien stabbilit skont l-Artikolu 22 tas-CMAA.
- (5) Għalhekk, l-Unjoni għandha tieħu pożizzjoni fi ħdan il-KKKD, kif imniżżel fl-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali, stabbilit mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kooperazzjoni doganali u l-għajjnuna reċiproka f'affarijiet doganali, fir-rigward tar-rikonossiment reċiproku tal-programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat fl-Unjoni Ewropea u s-Sħubija bejn id-Dwana u l-Kummerċ kontra t-Terroriżmu fl-Istati Uniti , hija dik imniżżla fl-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż tal-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-KOOPERAZZJONI DOGANALI BEJN L-ISTATI UNITI U L-UE

RIGWARD IR-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TAL-

PROGRAMM TAS-SĦUBIJA BEJN ID-DWANA U L-KUMMERĊ KONTRA T- TERRORIŻMU FL-ISTATI UNITI U L-PROGRAMM TAL-OPERATORI EKONOMIĊI AWTORIZZATI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "KKKD"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Għajnuna Reċiproka f'Affarijiet Doganali tat-28 ta' Mejju 1997 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'is-CMAA'), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 (2), il-punt (c) tiegħu;

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-intensifikazzjoni u twessigħ tas-CMAA biex jinkludi l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tal-kontejners u kwistjonijiet relatati, konkluż fit-28 ta' April 2004;

Wara li kkunsidra l-ħtieġa li jiġu żviluppatti aktar il-kooperazzjoni transatlantika u l-kummerċ sigur, partikolarment skont il-Qafas ta' Standards 2011 għall-Iżgurar u l-Iffaċilitar tal-Kummerċ Globali tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'Il-Qafas SAFE'), kif jista' jiġi emendat bi ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti;

Waqt li jirrikonoxxi li l-Istati Uniti tal-Amerika (minn hawn 'il quddiem "l-Istati Uniti") u l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-UE") jikkunsidraw li s-sigurtà u sikurezza doganali u l-iffaċilitar tal-katina internazzjonali ta' provvista kummerċjali jistgħu jkunu mtejba b'mod sinifikanti permezz tar-rikonoxximent reċiproku tal-Programmi ta' Sħubija fil-Kummerċ rispettivi tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Programmi ta' Sħubija fil-Kummerċ"); is-Sħubija bejn id-Dwana u l-Kummerċ kontra t-Terroriżmu fl-Istati Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "C-TPAT") u l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "OEA");

Waqt li jafferma li l-programmi C-TPAT u AEO joperaw fil-kuntest tal-Qafas SAFE;

Waqt li jirrikonoxxi li r-rikonoxximent reċiproku jippermetti lill-Istati Uniti u lill-UE jiffaċilitaw il-kummerċ tal-operaturi li investew fis-sigurtà tal-katina tal-provvista u ġew mogħtija sħubija fis-C-TPAT jew fl-OEA;

Waqt li jirrikonoxxi li l-eżami tal-programmi C-TPAT u OEA żvela li l-istandards tagħhom biex wieħed jikkwalifika għas-sħubija huma kompatibbli;

Waqt li jafferma li din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxix preċedent għal xi ftehimiet jew arranġamenti futuri bejn l-Istati Uniti u l-UE, partikolarment rigward l-ipproċessar jew l-użu u t-trasferiment ta' dejta jew tagħrif personali, jew il-protezzjoni tad-dejta jew tal-privatezza,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Sezzjoni I.

Ir-Rikonoxximent Reċiproku u r-Responsabbiltà għall-Implimentazzjoni

- (1) Il-Programmi ta' Sħubija fil-Kummerċ tal-UE u l-Istati Uniti huma rikonoxxuti reċiprokament bħala kumpatibbli u l-membri ta' kull programm huma ttrattati b'mod konsistenti mas-sezzjoni III.
- (2) L-awtoritajiet doganali definiti fl-Artikolu 1(c) tas-CMAA (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Awtoritajiet Doganali") huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Programmi ta' Sħubija Kummerċjali kkonċernati huma:
 - (a) l-Operatur Ekonomiku Awtorizzat tal-Unjoni Ewropea (is-sigurtà u s-sikurezza jew is-simplifikazzjonijiet/is-sigurtà u s-sikurezza doganali)

(ir-Regolament (KE) Nru 2913/92 u r-Regolament (KE) Nru 2454/93, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 648/2005 u mit-Titolu IIA tar-Regolament (KE) Nru 1875/2006); kif ukoll
 - (b) is-Sħubija bejn id-Dwana u l-Kummerċ kontra t-Terroriżmu fl-Istati Uniti (It-Tieni u t-Tielet livelli (Sigurtà u Responsabbiltà għal Kull Att tal-Portijiet tal-2006 ("SAFE")).
- (4) Din id-Deċiżjoni, kif tirrelata mal-kompatibilità, tirrifletti l-istruttura u l-applikazzjoni territorjali attwali tal-programm C-TPAT u tal-programm AEO. Din id-Deċiżjoni ma tqisx il-modifiki futuri ta' kull programm u l-espansjoni ta' applikazzjoni territorjali rispettivi tagħhom. L-Awtoritajiet Doganali jifhmu li tali modifiki fil-programm jew l-espansjoni ta' applikazzjoni territorjali jistgħu jeħtieġu t-tlestija b'suċċess ta' validazzjonijiet addizzjonali konġunti għas-sodisfazzjon taż-żewġ Awtoritajiet Doganali.

Taqsim II.

Il-kompatibilità

L-awtoritajiet tad-dwana jikkooperaw biex iżommu l-kompatibilità tal-istandards li huma applikati għal kull programm fir-rigward dawn il-materji:

- (a) proċess ta' applikazzjoni għall-għoti ta' sħubija lill-operaturi;
- (b) valutazzjoni tal-applikazzjonijiet; kif ukoll
- (c) l-għoti tas-sħubija u l-monitoraġġ tal-istejtus tas-sħubija.

L-awtoritajiet doganali temmew programm ta' ħidma li jstabilixxi proċess ta' validazzjonijiet konġunti.

Taqsimha III.

It-trattament tal-Membri

- (1) Kull Awtorità Doganali tittratta lill-operaturi li jkollhom l-istejtus tas-sħubija taħt il-Programm tal-Awtorità Doganali l-ieħor b'mod paragonabbli mal-mod kif tittratta lill-Membri fil-Programm ta' Sħubija fil-Kummerè tagħha stess, safejn huwa prattiku u possibbli u konsistenti mal-liġi u l-politika applikabbli. Dan it-trattament jinkludi, b'mod partikolari, li jitqiesu b'mod favorevoli fil-valutazzjoni tar-riskju, għall-finijiet tat-tweqqif tal-ispezzjonijiet jew kontrolli, l-istejtus tas-sħubiji rispettivi ta' operatur awtorizzat mill-Awtorità Doganali l-oħra sabiex jiffaċilitaw il-kummerè bejn l-UE u l-Istati Uniti u jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' miżuri relatati mas-sigurtà effettiva.
- (2) Kull waħda mill-Awtoritajiet Doganali tista' tissospendi trattament, b'konformità mas-taqsimha III (1), lill-membri tal-Programm tal-Awtorità Doganali l-oħra skont din id-Deċiżjoni. Tali sospensjoni ta' trattament minn Awtorità Doganali waħda għandha tkun ikkomunikata immedjatament lill-Awtorità Doganali l-oħra filwaqt li tiġi pprovduta kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rigward il-bażi għal sospensjoni kif xieraq.
- (3) Kull Awtorità Doganali tinforma minnufih lill-Awtorità Doganali l-oħra fil-każ li tidentifika kwalunkwe irregolarità mwettqa minn membru awtorizzat mill-Awtorità Doganali l-oħra sabiex jippermettulhom jieħdu deċiżjoni mgħarrfa dwar il-possibiltà tar-revoka jew sospensjoni tas-Sħubija tal-operatur ikkonċernat.

Taqsimha IV.

L-Iskambju tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni

- (1) L-Awtoritajiet Doganali jtejbu l-komunikazzjoni sabiex jimplimentaw din id-Deċiżjoni b'mod effettiv. Huma jiskambjaw informazzjoni u jiffavorixxu komunikazzjoni dwar il-Programmi ta' Sħubija Kummerċjali tagħhom b'mod partikolari billi:
 - (a) jipprovdu aġġornamenti f'waqtu dwar it-tħaddim u l-iżvilupp tal-programmi tagħhom;
 - (b) jimpenjaw ruħhom favur skambji ta' informazzjoni, li jkunu ta' benefiċċju b'mod reċiproku, dwar is-sigurtà tal-katina loġistika; kif ukoll
 - (c) jiffaċilitaw komunikazzjoni effettiva bejn l-aġenziji bejn id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea u l-Protezzjoni tad-dwana u tal-Fruntieri tal-Istati Uniti biex jittejbu l-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju fir-rigward tas-sigurtà tal-katina tal-provvista min-naħa tal-membri tal-Programmi ta' Sħubija fil-Kummerè.
- (2) Skambji ta' informazzjoni għandhom isiru fil-format elettroniku u skont dak li hemm fis-CMAA, partikolarment fl-Artikolu 17 tiegħu.
- (3) Dejta li għandhom jiġu skambjati dwar il-Programmi ta' Sħubija fil-Kummerè, fejn dawn l-iskambji huma awtorizzati b'mod ieħor, jinkludu:

- (a) l-isem;
 - (b) l-indirizz;
 - (c) l-istejtus tas-sħubija;
 - (d) id-data tal-validazzjoni jew tal-awtorizzazzjoni;
 - (e) is-sospensjonijiet u r-revoki;
 - (f) in-numru uniku tal-awtorizzazzjoni jew tal-identifikazzjoni (f'forma reċiprokament determinata mill-Awtoritajiet Doganali); kif ukoll
 - (g) dettalji li jistgħu jkunu determinati reċiprokament bejn l-Awtoritajiet Doganali, suġġett, fejn ikun applikabbli, għal kwalunkwe salvagwardji neċessarji.
- (4) L-iskambju tad-dejta huwa mistenni li jibda meta l-Awtoritajiet Doganali jimplementaw ir-rikonossiment reċiproku tal-istejtus tas-sħubija kif deskritt fil-paragrafu 1 tat-Taqsima III ta' din id-Deċiżjoni.

Taqsim V.

It-trattament tad-Dejta

- (1) B'mod konsistenti mas-CMAA, b'mod partikolari mal-Artikolu 17, id-dejta miksuba mill-Awtorità Doganali riċeventi skont din id-Deċiżjoni għandha tintuża u tiġi proċessata għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (2) L-Awtoritajiet Doganali jistinkaw biex jiżguraw li l-informazzjoni skambjata tkun preċiża u aġġornata regolament, u li ikunu fis-seħħ il-proċeduri xierqa tat-tħassir. Fil-każ li Awtorità Doganali tistabbilixxi li tagħrif ipprovdut skont din id-Deċiżjoni għandu jiġi emendat, l-Awtorità Doganali li tipprovdid dan it-tagħrif għandha minnufih tavża lill-Awtorità Doganali riċeventi b'tali emendi. Ladarba notifikata b'dawn l-emendi, l-Awtorità Doganali riċeventi għandha minnufih tirreġistra tali emenda. L-informazzjoni ma tistax tiġi proċessata u tinżamm għal żmien itwal milli jkun meħtieġ għall-iskop li għalih tkun trasferita.
- (3) Fl-eventwalità li tiġi skambjata informazzjoni b'dejta personali skont is-Sezzjoni IV (3) a) sa g), l-Awtoritajiet Doganali jieħdu wkoll miżuri xierqa biex jiżguraw il-protezzjoni tad-dejta, is-sigurtà, il-kunfidenzjalità u l-integrità tagħha. L-Awtoritajiet Doganali jiżguraw partikolarment li:
 - jkun hemm salvagwardji tas-sigurtà (inklużi salvagwardji elettroniċi) li jikkontrollaw, fuq il-bażi tal-ħtieġa, l-aċċess għal tali informazzjoni miksuba mill-Awtorità Doganali l-oħra taħt din id-Deċiżjoni u li din tintuża biss għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.
 - tali informazzjoni miksuba mill-Awtorità Doganali l-oħra skont din id-Deċiżjoni tkun protetta mill-aċċess mhux awtorizzat, mid-disseminazzjoni, u mill-modifika, mit-tħassir jew mill-qerda, ħlief sal-limitu xieraq biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2) ta' hawn fuq.

- informazzjoni miksuba minn Awtorità Doganali oħra taħt din id-Deċiżjoni ma tiġix trażmessa lil pajjiż ieħor jew lil korp internazzjonali mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Awtorità Doganali li tkun ipprovdiet din l-informazzjoni u dan biss skont il-kundizzjonijiet speċifikati minnha.
 - kwalunkwe tali informazzjoni tkun tista' tintuża fi ħdan il-Partijiet Kontraenti għas-CMAA biex jipproteġu l-interessi tas-sigurtà pubblika u jipprovdu katina ta' provvista tas-sigurtà rilevanti għal din id-Deċiżjoni, u għas-sigurtà tal-importazzjoni/esportazzjoni, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-infurzar doganali, sakemm ikunu suġġetti għal salvagwardji ekwivalenti jew kumparabbli ma' dawk spjegati f'din it-taqsim.
 - tali informazzjoni miksuba minn Awtorità Doganali l-oħra taħt din id-Deċiżjoni tkun maħżuna l-ħin kollu f'sistemi elettroniċi siguri u/jew sistemi ta' ħażna tal-karta. Reġistri jew dokumentazzjoni jinżammu fuq l-aċċess kollu, kif ukoll l-ipproċessar u l-użu ta' tali informazzjoni miksuba mill-Awtorità Doganali l-oħra.
- (4) Fir-rigward ta' kwalunkwe dejta personali li tista' tkun skambjata skont is-Sezzjoni IV (3) a) sa g), programm membru jista' jitolbu aċċess għal u/jew l-emenda ta' tali dejta li tirrelata miegħu jew magħha li huma pproċessati minn Awtorità Doganali. Kull Awtorità Doganali għandha tgħarraf lill-membri tagħha tal-programm biex jitolbu għall-aċċess u/jew emendi fl-ewwel istanza permezz tal-Programm ta' Sħubija fil-Kummerċ tagħhom stess. Fejn xieraq, u skont il-leġiżlazzjoni domestika, l-Awtorità Doganali għandha tikkoreġi kwalunkwe dejta mhux preċiża jew mhux kompluta. Kull Awtorità Doganali tinforma wkoll lill-membri tal-programm bl-għażliet biex wieħed ifittex rimedju amministrattiv u/jew ġudizzjarju.
- (5) Fuq talba tal-Awtorità Doganali li tipprovi d-dejta, l-Awtorità Doganali riċeventi għandha taġġorna, tikkoreġi, timblokka, jew tħassar informazzjoni riċevuta taħt din id-Deċiżjoni li ma tkunx preċiża jew ma tkunx kompluta jew jekk il-għbir tagħha jew proċessar ulterjuri jkun jikser din id-Deċiżjoni jew is-CMAA. Kull Awtorità Doganali għandha tinnotifika lill-oħra fil-każ li ssir taf li informazzjoni materjali li tkun ittrażmettiet lill-Awtorità Doganali l-oħra jew riċevuta minn Awtorità Doganali l-oħra taħt din id-Deċiżjoni ma tkunx preċiża jew ma tkunx affidabbli jew tkun soġġetta għal dubju sinifikanti. Fejn Awtorità Doganali tiddetermina li informazzjoni li tkun irċeviet mingħand l-Awtorità Doganali l-oħra taħt din id-Deċiżjoni ma tkunx preċiża, din għandha tiegħu l-miżuri kollha li tqis xierqa sabiex tissalvagwardja kontra d-dipendenza żbaljata fuq tali informazzjoni, inklużi t-tiżni, it-tħassir, jew il-korrezzjoni ta' tali informazzjoni.
- (6) Il-konformità mad-dispożizzjonijiet f'din is-Sezzjoni minn kull Awtorità Doganali hija suġġetta għal sorveljanza u reviżjoni indipendenti mill-awtoritajiet rilevanti rispettivi tagħhom (għall-Istati Uniti, l-Uffiċjal Kap tal-Privatezza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Interna; għall-UE, is-Supervisur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta tal-Istati Membri tal-UE). Dawn l-awtoritajiet ikollhom is-setgħat ta' sorveljanza effettiva, investigazzjoni, intervenzjoni u reviżjoni, u jkollhom is-setgħa li jirreferu ksur tal-liġi għal prosekuzzjoni jew azzjoni dixxiplinarja, fejn xieraq. Dawn jiżguraw li l-ilmenti rigward in-nuqqas ta' konformità huma riċevuti, investigati, imwiegħba, u indirizzati kif xieraq.

Taqsimha VI.

Reviżjoni

Il-KKKD jirrevedi l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni regolarment. Din ir-reviżjoni tinkludi, b'mod partikolari:

- (a) Validazzjonijiet konġunti sabiex jiġu identifikati l-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa fl-implimentazzjoni din id-Deċiżjoni;
- (b) skambji ta' opinjonijiet fuq dejta li għandha tiġi mqassma u t-trattament tal-operaturi, konsistenti ma' din id-Deċiżjoni; kif ukoll
- (c) skambji ta' opinjonijiet dwar dispożizzjonijiet ta' sigurtà bħal protokoll li għandhom jiġu segwiti waqt u wara inċident ta' sigurtà serju jew meta l-kundizzjonijiet jistħoqqilhom suspensjoni tar-rikonoxximent reċiproku.

Taqsimha VII.

Ringrazzjamenti Ġenerali

- (1) Din id-Deċiżjoni għandha l-għan li timplimenta dispożizzjonijiet tas-CMAA u tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-intensifikazzjoni u t-twessigħ tas-CMAA biex jinkludi l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tal-kontejners u kwistjonijiet relatati tat-28 ta' April 2004.
- (2) Din id-Deċiżjoni għandha tiġi implimentata b'mod konsistenti mal-liġijiet applikabbli rispettivi, ir-regolamenti, u l-ftehimiet internazzjonali li huma parti minnhom l-UE jew l-Istati Uniti.
- (3) Din id-Deċiżjoni ma toħloqx jew tikkonferixxi xi drittijiet, privileġġi, jew benefiċċji fuq kwalunkwe parti terza, persuna, jew entità, privata jew pubblika.
- (4) Kull Awtorità Doganali għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż tagħha stess li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Taqsimha VIII.

Bidu, Sospensjoni u Tmiem

- (1) Il-kooperazzjoni skont din id-Deċiżjoni tibda mal-firma mill-presidenti tal-KKKD.
- (2) L-implimentazzjoni tar-Rikonossiment Reċiproku bejn l-Istati Uniti u l-UE ssir b'mod konsistenti mat-Taqsima III, il-paragrafu 1. Kull waħda mill-Awtoritajiet Doganali tista' tissospendi l-kooperazzjoni taħt din id-Deċiżjoni f'kull ħin iżda għandha tipprovdi mill-anqas tletin (30) ġurnata ta' avviż bil-miktub ta' dan. Din in-notifika hija pprovduta jew mill-Protezzjoni tad-Dwana u l-Fruntieri tal-Istati Uniti u d-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, rispettivament.

Iffirmat fi,

F'isem il-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u l-Istati Uniti

(Iż-żewġ presidenti)